**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

16 ta' Ġunju 2024

# Kelmtejn minn Dun Krystof

**L-Amministratur Parrokkjali**

Wasalna qrib il-festa tal-għeżież patruni tagħna Pietru u Pawlu u għal din il-ħarġa tal-bullettin xtaqt nagħtikom diversi aħbarijiet sbieħ li nemmen li sejrin jgħinuna nħossuna iktar parteċipi f'dak kollu li qed isir għall-komunità tagħna ħalli tkun tista' tiċċelebra u tifraħ tassew f'dawn il-jiem ta' ċelebrazzjoni.

### Ftuħ taċ-ċimiterji tal-parroċċa

L-ewwel nett fuq xewqa ta' ħafna minnkom mis-Sibt 15 ta' Ġunju ċ-ċimiterji tagħna tan-Nadur ser jibdew jinfetħu fil-festi pubbliċi u kull nhar ta' Sibt u Ħadd mis-7am sas-7pm. Hekk tkunu tistgħu tiftakru iktar f'dawk l-għeżież familjari tagħna li ġew qabilna u ħallewlna tant ġid. Ix-xewqa tagħna hi li fi żmien qasir inlestu sistema tajba ta' sigurtà ħalli nkunu nistgħu nibdew niftħuhom iktar ġranet matul il-ġimgħa. Kull għajnuna hi apprezzata.

### Il-ġabra għall-festa

Nixtiequ nirringrazzjaw minn qalbna tal-ġenerożità kbira tagħkom. Is-somma li nġabret bieb bieb u mill-envelopes li tħallew fil-knisja, qabżet il-11,000 ewro. Dawn ser iservu sabiex inkomplu noffru mużika mill-aqwa waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, u mixegħla sabiħa tad-dawl tal-knisja u tat-toroq kollha fil-jiem tal-festa. Nistednukom tkomplu tkunu ġenerużi fil-ġabra li ssir waqt il-ħruġ min-niċċa tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl nhar it-18 ta' Ġunju filgħaxija.

### Xogħol fis-saqaf tal-knisja

Bħalissa għadu kemm ġie mħejji rapport professjonali tax-xogħol li sar u li se jsir fil-*pasta* ("skultura") tas-saqaf tal-knisja tagħna, sabiex dritt wara l-festa jiġi sottomess għall-awtoritajiet li jieħdu ħsieb il-patrimonju artistiku u kulturali tal-Knisja f'Malta (KPKK), b'tali mod illi fi żmien qasir inkunu nistgħu nergħgħu mmexxu x-xogħol tar-restawr minn idejn Mark Falzon.

### Linef tal-festa



Il-linef tant sbieħ tal-knisja tagħna huma maħduma fil-kristall mill-iktar fin. Dawn kienu saru fl-1933 minn fabbrika prestiġġjuża fir-Repubblika Ċeka, li għalqet għalkollox ftit tax-xhur ilu. B'xorti tajba l-parroċċa tagħna laħqet akkwistat il-bċejjeċ kollha neqsin jew miksura li għandna fil-linef iż-żgħar u ftit ftit bdejna r-restawr u s'issa tlestew tnejn mis-sitt linef żgħar li għandna. Fihom sar it-tibdil tal-kristall miksur u ż-żieda tal-bċejjeċ mitlufa, tneħħew il-wires taċ-ċaruta u għaddew il-wires tal-plastic, u tneħħa l-fildiferru li kien ikkorroda u beda jinqata' u sar tal-fidda. Ir-restawr ta' kull linfa qed jiġi jiswa ftit iktar minn €1,000. Għalhekk napprezzaw l-għajnuna tagħkom. It-tielet waħda ġa tħallset nofsha minn Charlie Mizzi u oħtu Doreen Meilak b'suffraġju għar-ruħ ta' ommhom Maria Mizzi u ħutha Pawlu, Salvu, Ġużepp u Ġanni Attard.

### Sistema tad-dawl tal-knisja

F'dawn il-jiem tal-festa ser ninawguraw l-illuminazzjoni l-ġdida tal-inkwatru titulari ta' San Pietru u San Pawl. Sistema li ġiet imħejjija mill-inġiniera konsulenti tad-dawl *Galea Curmi*. Dritt wara l-festa għandna l-pjaċir inkomplu bil-proġett kbir tas-sistema tad-dawl tal-knisja: xogħol sofistikat u professjonali ta' mogħdija ta' wajers ġodda moħbija fil-ħitan u fuq iċ-ċinta tal-knisja li ser iservu għall-illuminazzjoni l-ġdida tal-Bażilika tagħna. Dan ix-xogħol kien inbeda snin ilu b'tant ħila mill-kumpanija *Dillumination* u issa nistgħu nkompluh fiż-żona tal-presbiterju, il-koppla, il-ġenb tan-naħa tas-Sagrament u s-Sagristiji. Dan ikun ifisser li malli jitlesta nkunu nistgħu nsebbħu l-knisja tagħna b'dawl aktar xieraq li jilqa' lil kull min jidħol fiha biex jinġabar għat-talb.

---

F'dawn il-jiem il-komunità parrokkjali tagħna qed tiċċelebra l-festa tant devota tal-Qalb ta' Ġesù fil-knisja ddedikata lilha. Nemmen li l-parteċipazzjoni tagħna għaċ-ċelebrazzjonijiet tat-talb li ġew imħejjija għalina jistgħu verament jgħinuna f'dawn il-jiem ta' festa fin-Nadur: ħalli qalbna timtela bl-imħabba ta' Alla u ħsibijietna jduru fuq dak kollu li jgħaqqadna flimkien. Awguri lil kulħadd.



L-NTYC bil-kollaborazzjoni ta' Jobsplus, qed jorganizzaw kors tal-First Aid f'Lulju (It-Tnejn 8, it-Tlieta 9 u l-Ħamis 11 ta' Lulju bejn id-9am u s-2pm). Għall-parteċipazzjoni ta' dan il-kors l-NTYC qed nitolbu €15 donation. Jista' japplika għalih kull min kompla l-ħames sena tas-sekondarja, żgħażagħ u anke adulti. Jistgħu jiġu aċċettati 20 persuna biss għal dan il-kors, għaldaqstant tħallux għall-aħħar biex tapplikaw. Għal aktar informazzjoni kellmu lil Fr Mark.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am